MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VINCENT GALEA

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2013

Talba Numru. 397/2011

**SCICLUNA INSTALLATIONS LIMITED [C-15768]**

**Vs**

**Direttur, Qrati Civili u Tribunali u b'digriet datat 23 ta' Novembru, 2011 il-kliem Direttur, Qrati Civili u Tribunali thassru u gew sostitwiti bil-kliem Direttur Qrati u Tribunali Kriminali u b'digriet datat 30 ta' Mejju, 2012 gie kjamat in kawza il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fid-9 ta' Mejju, 2011** u li permezz taghha talbet lill-intimati jhallsuha s-somma ta' elf euro [€1,000] u dan wara li ppremettiet hekk:

"L-ammont reklamat jirrappreżenta konsum ta' elettriku tal-fond 4, Great Shop, Guze Galea Street, Qormi proprjetà tas-socjeta attriċi, ghall-perjodu li fih l-istess kien

taht ir-responsabilta tal-konvenut fl-ambitu ta’ inkjesta magisterjali u f’liema żmien l-air conditioning units thallew mixghula interottament bi traskuraġni tal-konvenut.

Bil-konvenut ingunt in subizzjoni.

Bl-ispejjez”.

Ra **r-risposta tal-intimat Direttur, Qrati Civili u Tribunali** minnu mressqa fit-3 ta’ Gunju, 2011 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tas-socjeta rikorrenti:

“1. Illi l-eccipjenti mhux il-legittimu kontradittur.

2. Illi bla preġudizzju t-talba attriċi hija preskritta u ghal dan il-ghan is-socjeta attriċi qed tiġi mistiedna tindika bl-ezatt taht liema artikolu tal-Ligi qeda tittenta l-azzjoni taghha sabiex l-eccipjenti ikun umbaghad f’qaghda li jindika l-artikolu preċiż tal-preskrizzjoni.

3. Illi bla preġudizzju l-eccipjenti assolutament m’ghandu ebda ness la ġuridiku u lanqas fattwali mas-socjeta attriċi u kwindi t-talba attriċi fil-konfront tieghu hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

4. Illi kif inhuwa risaput it-tmexxija ta’ inkjesta hija mhollija mill-ligi f’idejn il-Magistrat Inkwerenti li a sua volta jista jahtar esperti biex jghinuh fl-inkjesta. Zgur li Magistrat Inkwerenti ma jista qatt jiġi tenut iwieġeb ghal dak li qed titlob is-socjeta attriċi fil-kawza odjerna u per konsegwenza lanqas l-eccipjenti.

5. Illi m’hu veru xejn li l-fond tas-socjeta attriċi kien fir-responsabbilita tal-konvenut.

6. Illi bla preġudizzju biex azzjoni bhal dik tirnexxi, l-attrici hija tenuta tipprova mhux biss li materjalment soffriet dak li qed tallega li soffriet fil-fond taghha, iżda trid tipprova wkoll in-ness kawzali bejn dak minnha allegatament soffert u xi tort jew nuqqas tal-intimat u kif ser jirrizulta ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawza la wahda u

lanqas l-ohra minn dawn l-elementi ma jeżistu fil-konfront tal-eccipjenti fil-kaz de quo.

7. Ghaldaqstant it-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jiġu michuda, bl-ispejjes kontra s-socjeta attrici".

Ra l-verbal datat 13 ta' Gunju, 2011 fejn Dr. Roberto Montalto talab li ssir korrezzjoni fl-okkju ta' l-avviz b'dan li l-intimat ghandu jaqra Direttur, Qrati u Tribunali Kriminali. Ra li Dr. Noel Bartolo ma opponiex ghal din it-talba iżda nsista li jippreżenta eċċezzjonijiet ulterjuri in vista tal-korrezzjoni mitluba. Ra d-digriet tieghu datat 23 ta' Novembru, 2011 fejn it-Tribunal laqa t-talba u ordna li ssir id-debita korrezzjoni fl-occhio tal-avviz u kull fejn jidhru l-kliem "Direttur Qrati Civili u Tribunali" b'dan illi dawn il-kliem ghandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Direttur Qrati u Tribunali Kriminali".

Ra **r-risposta tal-intimat Direttur Kriminali u Tribunali** minnu mressqa fit-22 ta' Gunju, 2011 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tas-socjeta rikorrenti:

1. Illi l-eccipjenti mhux il-legittimu kontradittur.

2. Illi bla preġudizzju t-talba attriċi hija preskritta u ghal dan il-ghan is-socjeta attriċi qed tiġi mistiedna tindika bl-ezatt taht liema artikolu tal-Ligi qeda tittenta l-azzjoni taghha sabiex l-eccipjenti ikun umbaghad f'qaghda li jindika l-artikolu preċiż tal-preskrizzjoni.

3. Illi bla preġudizzju l-eccipjenti assolutament m'ghandu ebda ness la ġuridiku u lanqas fattwali mas-socjeta attriċi u kwindi t-talba attriċi fil-konfront tieghu hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

4. Illi kif inhuwa risaput it-tmexxija ta' inkjesta hija mhollija mill-Ligi f'idejn il-Magistrat Inkwirenti li a sua volta jista jahtar esperti biex jghinuh fl-inkjesta. Zgur li Magistrat Inkwerenti ma jista qatt jiġi tenut iwieġeb ghal dak li qed titlob is-socjeta attriċi fil-kawza odjerna u per konsegwenza lanqas l-eccipjenti.

5. Illi m'hu veru xejn li l-fond tas-socjeta attriċi kien fir-responsabbilita tal-konvenut.

6. Illi bla preġudizzju biex azzjoni bhal dik attriċi tirnexxi, l-attrici hija tenuta tipprova mhux biss li materjalment soffriet dak li qed tallega li soffriet fil-fond taghha, iżda trid tipprova wkoll in-ness kawzali bejn dak minnha allegatament soffert u xi tort jew nuqqas tal-intimat u kif ser jirrizulta ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawza la wahda u lanqas l-ohra minn dawn l-elementi ma jeżistu fil-konfront tal-eccipjenti fil-kaz de quo.

7. Ghaldaqstant it-talbiet attriċi huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jiġu michuda, bl-ispejjez kontra s-socjeta attriċi".

Ra l-verbal datat 30 ta' Mejju, 2012 fejn Dr. Noel Bartolo in vista tax-xhieda tad-Direttur Qrati u Tribunali Kriminali talab li jiġu msejjha fil-kawza l-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali. Ra n-nuqqas ta' opposizzjoni mir-rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti. It-Tribunal laqa' t-talba.

Ra r-risposta tal-kjamati fil-kawza minnhom mressqa fis-16 ta' Lulju, 2012 u li permezz taghha huma rrispondew hekk ghat-talba tas-socjeta rikorrenti:

"Is-segwenti huma l-eccezzjonijiet tal-kjamati fil-kawza l-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija, liema eċċezzjonijiet qeghdin jiġu elenkati minghajr preġudizzju ghal xulxin.

1. Illi in linea preliminari, il-kjamati in kawża l-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija jirrilevaw illi ma humiex il-legittimi kuntraditturi ghat-talbiet attriċi, u dan stante illi ghalkemm ghandhom rwol x'jinterpretaw f'inkjesta Magisterjali, l-istess inkjesta ma taqax taht ir-responsabbilita taghhom, u ghalhekk ma jistghux jiġu kkundannati sabiex ihallsu l-ammont pretiz mis-socjeta attriċi, kif ser jiġi ppruvat tul dawn il-proceduri.

2. Illi dejjem in linea preliminari, il-kjamati in kawża qeghdin jecepixxu l-preskrizzjoni biennali ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan stante illi qatt ma gew interpellati formalment b'att ġudizzjarju qabel Gunju 2012, meta gew notifikati bid-digriet u bl-inkartament ta' din il-kawza.

3. Illi inoltre, jinghad illi hadd mill-kjamati in kawża ma kellu fil-pussess tieghu c-cwievet tal-fond suġġett ghall-inkjesta fl-ambitu ta' l-istess inkjesta, u ghalhekk isegwi illi hadd mill-istess kjamati ma seta acceda fuq il-post kif ser jirrizulta fil-mori ta' din il-kawza.

4. Illi fi kwalunkwe kaz, is-socjeta trid tipprova d-danni materjali u n-ness kawzali bejn dak li qieghed jiġi allegat bhala soffert minnha u xi nuqqas, kemm dirett u anke indirett tal-kjamati in kawża.

5. Illi fil-mertu, it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, kif ser jiġi pruvat f'dawn il-proceduri.

6. Bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri kontra s-socjeta attriċi u b'riserva ghad-dritt li jitressqu eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz".

Ra l-verbali datati 31 ta' Jannar, 2013, 18 ta' Marzu, 2013 u 6 ta' Mejju, 2013 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Semgha' x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. In succint jinghad li s-socjeta rikorrenti qeghda tfittex lill-intimat u l-kjamati fil-kawza sabiex ihallsuha ghad-danni li hija garbet meta esperti nominati mill-Qorti hallew *air conditioners* mixghula fil-fond li fih kien sar aċċess bl-ordni tal-Qorti fid-9 ta' Ottubru, 2008, liema *air conditioners* intfeghu imbaghad mir-rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti ftit tal-granet wara s-17 ta' Lulju, 2009

meta hija kellha fil-pussess taghha c-cwievet tal-fond. Dawn ic-cwievet kienu qeghdin jinżammu taht l-Awtorita tal-Qorti peress li f'dan l-istess fond kien sehh qtil fis-16 ta' Settembru, 2008 u l-post gie siġillat sakemm isiru l-investigazzjonijiet neċessarji. L-intimati u l-kjamati in kawża lkoll cahdu r-responsabbilita ghal akkadut.

Ikkunsidra;

2. Fis-seduta tas-7 ta' Frar, 2012 **xehed Clyde Kelly,** li kien l-*accountant* tas-socjeta rikorrenti. Qal li huwa kien gie ingaġġat minn Martin Scicluna sabiex ikun l-*accountant* tas-socjeta rikorrenti u li wara l-mewt tieghu, l-ufficju kien gie maghluq u siġillat. Hadd ma dahal fl-ufficju tas-socjeta l-ghaliex ma kellhomx aċċess. Sussegwentement, wara li ghaddiet xi sena minn meta gie ssigillat l-ufficju, mart Martin Scicluna u cioe Jackie Scicluna, inghatat kopja tac-cwievet tal-fond u hu u Mrs. Scilcuna dahlu fil-fond imsemmi wara d-delitt ta' żewġha. Jistqarr li "*hadd iehor ma kien dahal qabilna*" (fol. 17). Stqarr li jiftakar bic-car "*... illi l-ewwel haġa li konna nnutajna kienet illi ġewwa dawn l-ufficini kien hemm kesha kbira u dana minhabba illi l-airconditioners kienu qeghdin jaghtu*" (fol. 17). Huma tfew l-*main switch* ta' l-ufficini u hargu l-barra.

3. **Xehdet bil-procedura ta' l-affidavit Mary Jacqueline maghrufa bhala Jacqui Scicluna**. Hija bdiet biex tghid li żewġha Martin Scicluna kien gie maqtul fis-16 ta' Settembru 2008 fil-fond bin-numru 4, maghruf bl-isem ta' Great Shop, fi Triq Guze Galea, Hal-Qormi. Qalet ukoll li "*dak-in-nhar ta' l-incident l-awtoritajiet hadu pussess tal-post billi hadu c-cwievet u ssiggillaw il-post*" (fol. 20). Xi ftit ġimghat wara, tkompli tghid ix-xhud, sar aċċess fuq il-post u wara li nfetah dan il-post reggha inghalaq. Ghal dan l-access hi ma kienitx infurmata u allura ma kienitx hemm. Qalet li "*minn dak in-nhar ta' l-incident jien qatt ma kellhi aċċess ghal fuq il-post*" (fol. 20). Ziedet tghid li fit-3 ta' Lulju, 2009 dan il-fond gie rilaxxat mill-Qorti u dan skond ma jirrizulta mid-dokument anness ma l-affidavit taghha mmarkat bhala dok. B (fol. 23) u hija hadet il-pussess tac-cwievet fis-17 ta' Lulju, 2009. Xi granet wara, ix-xhud qalet

li hija, flimkien ma Clyde Kelly, marru fil-fond imsemmi u hemm sabu l-*air conditioner* mixghul. Wara li skopriet dan, hija ghamlet appuntament mal-*meter reader* u fil-fatt dan mar fil-fond de quo xi ftit tal-granet wara.

Ix-xhud tkompli tghid li "*Infatti l-ahhar qari tad-dawl li kien sar f'Awwissu, 2008 kien thallas u kellna ukoll 'credit' ta' Euro8.06, ghax meta irċevejt il-kont minn ta' wara Awwissu kien gie mnaqqas minn dak ta' Euro1081.08*" (fol. 20).

Skond id-dokument immarkat bhala D1 (fol. 27), jirrizulta li l-ammont dovut huwa dak reklamat fit-talba odjerna u cioe l-ammont ta' €1,000.

4. **L-intimat Joseph Sacco, fil-kwalita tieghu ta' Direttur tal-Qrati u Tribunali Kriminali** xehed fis-seduta tat-30 ta' Mejju , 2012. Huwa beda biex qal li fil-kwalita tieghu hekk kif imharrek, huwa qatt ma kellu responsabilita tal-fond fejn sehh id-delitt. Zied ighid li "*fuq dan il-hanut kienet infethet inkjesta Magisterjali u l-uniku konnessjoni ghal Qorti kienet li gie fuq rapport tal-Pulizija li nfethet inkjesta Magisterjali*" (fol. 46). Qal li mill-atti tal-kumpilazzjoni Il-Pulizija vs Spiridione Mercieca, huwa seta jara li Norbert Pace kien dahal ghax-xoghol dak-in nhar tad-delitt u dan kien xeghel l-*air conditioners*. Huwa qal li kien qed jaghmel referenza ghal din ix-xhieda "*... l-ghaliex minn din ix-xhieda jirrizulta illi l-airconditioners kienu diġà mixghula meta l-Magistrat Inkwerenti mar fil-post dakinhar*" (fol. 46). Kompla jghid li "*Bhala proċedura ghall-inkjesta ghandi nghid illi meta l-Magistrat tal-Ghassa jiġi msejjah fuq il-post huwa jmur u jahtar hemmhekk l-esperti li jidhru opportuni sabiex ikunu jistghu jghinuh f'dik l-inkjesta*" (fol. 46). Zied ighid li mal-esperti nnominati minnu jkun hemm ukoll il-Pulizija l-ghaliex huma jkunu qeghdin jinvestigaw il-kaz (fol. 46-47). Qal li "*Il-funzjoni tal-Magistrat inkwerenti tieqaf hemmhekk f'dak l-istadju u cioe tal-access*" (fol. 47).

Wara li tressaq Spiridione Mercieca l-Qorti kien gie ordnat aċċess fid-9 ta' Ottubru, 2008. Skond ma jirrizulta mill-verbal ta' l-access, (dok. JS 1 a fol. 49) jirrizulta li kien

hemm preżenti fuq il-post l-ufficjali prosekuturi, l-imputat, Dr. Joseph Giglio u Dr. Beppe Fenech Adami ghall-imputat, Dr. Tonio Azzopardi ghall-parte civile, PS 516 Alfio Borg, il-Perit Richard Aquilina u Martin Bajada. Il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Struttorja tat ordni lil Martin Bajada li jiġbor dak kollu relatat ma' l-IT ghall-analizi ulterjuri, u lill-Perit Richard Aquilina sabiex jiġbor u jissiġilla u jaghmel inventarju tad-dokumenti kollha misjuba fil-fond numru 4, Triq Guze Galea, Hal-Qormi.

L-intimat qal li "*kif appena mbaghad ic-cwievet ta' dan il-post gew depositati l-Qorti allura mbaghad ikunu taht il-gurisdizzjoni tieghi bhala Registratur*" (fol. 47). Qal ukoll li "*... jiena nkun responsabbli meta jkolli xi haġa taht l-awtorita tieghi. Ic-cwievet gew depożitati waqt li kienu inbdew il-proceduri Kriminali kontra Spiridione Mercieca*" (fol. 47). Finalment qal li mid-9 ta' Ottubru, 2008 sa meta r-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti rtirat ic-cwievet mill-Qorti, ma jirrizulta l-ebda verbali ta' aċċess iehor fil-fond in kwistjoni.

5. Fis-seduta tas-16 ta' Ottubru, 2012 **xehed l-Ispettur Daniel Zammit,** prodott mid-Direttur intimat. Huwa qal li fis-sittax (16) ta' Settembru elfejn u tmienja (2008) kien sehh omicidju fil-fond Scicluna Installations, Triq Guze Galea, Hal Qormi u li huwa kien wiehed mill-ufficjali investigattivi. Kompla jghid li wara li sehh l-omicidju, u jekk ma kienx sejjer zball, dan il-fond kien gie ssigillat mill-esperti tal-Qorti. Zied ighid li fuq dan l-omicidju kien tressaq il-Qorti Spiridione Mercieca.

Xehed li wara li kien tressaq dan Mercieca l-Qorti tal-Magistrati, u l-Magistrat sedenti kienet ordnat lil espert sabiex imur jigbor id-dokumenti. Il-Pulizija kellhom jakkumpanjaw lil esperti l-Perit Richard Aquilina u Dr Martin Bajada.

Dan kien it-tieni access u kien dam bejn is-saghtejn u nofs (2:30p.m.) u s-sitta u nofs ta' wara nofsinhar (6:30p.m.) u kienu ngabru diversi dokumenti u diskettes. Ghalaq billi qal li anke f'din it-tieni okkazzjoni l-post rega gie ssigillat mill-espert tal-Qorti.

Sussegwentement dan il-fond gie rilaxxat lis-socjeta' rikorrenti.

6. **L-Ispettur Chris Pullicino**, prodott mid-Direttur intimat xehed ukoll f'din l-istess seduta. Beda biex qal li huwa wiehed mill-ufficjali investigattivi fl-omicidju ta' Martin Scicluna, ghal-liema omiċidju kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja Spiridione Mercieca. Huwa qal li ma kienx accedda fil-fond de quo dak-in-nhar li kien sehh l-omicidju iżda wara li kien tressaq Spiridione Mercieca l-Qorti. Huwa jiftakar illi kien mar fil-fond de quo flimkien mal-esperti nominati fosthom kien hemm il-Perit Richard Aquilina u Dr. Martin Bajada. Zied ighid li kien hemm prezenti wkoll l-akkuzat, il-Magistrat innifisha u rapprezentant tal-parte civili.

Ix-xhud qal li l-post infetah mill-Perit Richard Aquilina l-ghaliex huwa kellu c-cwievet li kien gie siġillat precedentement fl-inkjesta. Qal ukoll li dak-in-nhar tat-tieni aċċess, huwa kien lehaq telaq qabel ma nghalaq dan il-fond u allura ma kienx f'pozizzjoni jghid minn kien ghalaq dan il-fond.

L-Ispettur Pullicino qal li wara dan it-tieni access il-fond xorta baqa meqjus bhala l-*crime scene* u nzamm taht l-Awtorita' tal-Qorti. F'dan it-tieni access, l-Ispettur qal li jiftakar car li huwa kellhu joqghod jistenna lil Perit Aquilina sabiex jmur jiftahlu l-fond l-ghaliex ic-cwievet kienu fil-pussess tieghu. Wara li l-Perit Aquilina kien irrelata huwa poġġa c-cwievet tal-fond taht l-Awtorita' tal-Qorti.

7. **L-Ispettur Malcolm Bondin,** prodott mid-Direttur intimat qal li huwa kien stazzjonat l-Ghassa ta' Hal-Qormi mill-2008 sa' l-2010. Xehed illi huwa kien preżenti ghaz-zewg aċċessi. L-ewwel darba meta sehh l-omicidju u t-tieni darba meta sar l-access mill-Qorti.

Ghar-rigward ta' l-ewwel aċċess, ix-xhud qal li jiftakar li kien hemm l-esperti nominati mill-Qorti u hafna nies. Kien hemm il-Perit Richard Aquilina, kien hemm *finger prints expert*, kien gie ukoll xi espert tal-ballistika jekk mhux

sejjer zball il-Brigadier Maurice Calleja u diversi fizjali tal-Pulizija fosthom l-Assistent Kummissarju tad-Distrett. Ghar-rigward tac-cwievet, l-Ispettur Bondin qal li dawn kienu nzammu mill-espert tal-Qorti l-Perit Richard Aquilina. Ghalhekk, biex jidhol xi hadd fil-fond bilfors ried ikun hemm il-Perit Richard Aquilina.

Fit-tieni access, il-post infetah mill-Perit Aquilina u inghalaq minnu. L-Ispettur ighid li huwa kien preżenti mill-bidu sal-ahhar. F'dan it-tieni access, ikompli jghid l-Ispettur, kien hemm preżenti ukoll il-Magistrat flimkien mad-difensuri tal-partijiet. Mistoqsi jekk kienx hemm il-parte civile personalment, ix-xhud qal li ma jiftakarx.

In kontro-ezami, l-Ispettur Bondin qal li "*ghar-rigward tal-main tad-dawl nghid illi kif appena titla tnax (12) il-targa mill-bieb ta' barra fuq in-naha tax-xellug kien hemm il-main tad-dawl*" (fol. 83). Huwa kompla jghid li fl-ewwel okkazzjoni jiftakar illi l-Perit Aquilina kien qallu biex jitfi l-*main*, u kien anke ha hsieb li t-twieqi jkunu maghluqa. Zied ighid li "*kien il-Perit Aquilina stess illi tefa l-main switch*" (fol. 83) u dan sar fil-prezenza tieghu.

Ghar-rigward tat-tieni aċċess, ftakar li kien inxteghel l-*air conditioner* u jekk ma kienx sejjer żball, kien il-Perit Aquilina stess li xeghel il-*main switch* u dan peress li kif telghu fl-ufficini fejn sehh id-delitt, kien hemm foga kbira peress li ma kienx hemm cirkolazzjoni tal-arja. Mistoqsi jekk dan is-switch regghax intefa huma u hergin il-barra, l-Ispettur Bondin qal li "*jekk mhux sejjer zball ahna u hergin il-barra dan is-switch rega ntefa*" (fol. 84).

Mistoqsi mid-difensur tas-socjeta rikorrenti in kontro-ezami fuq x'jiftakar dwar il-kwistjoni ta' l-*air conditioner,* l-Ispettur Bondin qal li "*dwar l-ewwel darba mija fil-mija li kien ntefa l-main switch. Fit-tieni okkazzjoni ghandi l-impressjoni li kien intefa. Niftakar illi fit-tieni okkazzjoni kien hemm is-shana u b'hekk niftakar li nxteghel l-air condition. Jekk regghex inxteghel wara t-tieni okkazzjoni ma nafx nghid il-ghaliex ma ergajtx mort qatt fuq il-post*" (fol. 84).

8. Fid-9 ta’ Novembru, 2012 **xehed il-Perit Richard Aquilina**, prodott mill-intimat Kummissarju tal-Pulizija. Beda biex qal li fis-sittax (16) ta’ Settembru elfejn u tmienja (2008) huwa kien mar fuq il-post fejn kien sehh l-omicidju in kwistjoni. Mistoqsi kienx osserva jekk l-*air conditioners* kienux mixghula jew le huwa qal li ma kienx osserva dan il-fatt. Mistoqsi jekk kienx ghalaq il-bibien li jaghtu ghal gewwa ta’ dan il-fond, il-Perit Aquilina qal li ma jiftakarx u li x’aktarx kien inghata c-cwievet tal-fond wara li kien imsakkar il-post. Wara qal li ghadda biex iddepozitahom il-Qorti. Qal li jekk mhux sejjer żball, “*kien intefa’ l-main switch dan jinsab fir-ras it-tarag*” (fol. 88). Mistoqsi jekk kienx preżenti ghat-tieni aċċess li kien sar, ix-xhud qal li ma jiftakarx pero’ jekk mar, dan kien jirrizulta mill-verbal tal-access flimkien mar-relazzjoni tieghu. Dwar ic-cwievet, ix-xhud qal li dawn, flimkien ma kull haga li tkun giet depozitata ghandu jehles minnha kemm jista jkun malajr billi jiddeposita l-istess taht l-Awtorita tal-Qorti. Huwa jkun inghata riċevuta ta’ l-oggetti depositati u kopja ta’ din ir-ricevuta tkun mar-relazzjoni originali li jkun ippreżenta l-Qorti.

9. Fis-seduta tal-11 ta’ Dicembru, 2012 sar il-kontro-ezami tal-Perit Aquilina. B’referenza ghal dak li kien xehed dwar fis-seduta preċedenti, il-Perit Aquilina qal li fis-16 ta’ Settembru, 2008 kienu saru żewġ aċċessi. L-ewwel wiehed f`nofsinhar (12:00p.m.) imbaghad rega’ nzamm access iehor dakinhar stess fl-erbgha u nofs (4:30p.m.). Wara dawn iz-zewg accessi huwa kien ddeposita tlett ic-cwievet tal-katnazz li l-pulizija kienu wehlu max-*shutter* tal-post, kif ukoll ic-cavetta tax-*shutter* taht l-Awtorita tal-Qorti. Ghar-rigward tat-tieni access, il-Perit Aquilina qal li dan sehh fid-9 ta’ Ottubru, 2008 u li huwa kien gie nkarigat mill-Qorti sabiex jeleva l-kotba u l-affarijiet kollha li kien hemm fl-ufficju. Fil-fatt kienu gew elevati erbatax il-kaxxa kontinenti dokumenti u xi flus li lkoll gew depositati l-Qorti flimkien mac-cwievet tal-fond. Qal li l-ahhar darba li huwa kien mar f`dan il-fond kien fid-disgha (9) ta` Ottubru elfejn u tmienja (2008).

Mistoqsi mid-difensur ta’ l-intimat, Direttur tal-Qrati u Tribunali Kriminali, jekk kienx hemm dawl meta huwa,

flimkien mal-persuni l-ohra prezenti waqt it-tieni access, marru fil-fond de quo, ix-xhud qal li "*sa fejn niftakar jiena ntefa kullimkien*" (fol. 93). Qal li meta inghalaq il-bieb huwa kien ha c-cwievet. B'hekk huwa jkun baqa fuq il-post sa l-ahhar. L-uniku persuna li kellhu c-cwievet tal-fond de quo kien hu u minghajru ma seta jidhol hadd. Zied ighid li huwa "*bhala prassi dejjem nara li d-dawl ikun mitfi anki jekk ma jkunx parti mid-dover tieghi*" (fol. 93-94). Qal ukoll li "*f`dan il-kas hekk ghamilt*" (fol. 94).

Il-Perit Aquilina qal li "*jiena ma jkolli l-ebda nkarigu biex nara li d-dawl ikun intefa pero` naqbel pero' li jiena nkun responsabbli minn dak il-post galadarba jiena jkolli c-cwievet inkun responsabbli ghal eghluq tieghu*" (fol. 94). Mistoqsi jekk ikunx hemm xi hadd iehor li jkollu kopja ta' dawn ic-cwievet, il-Perit Aquilina qal li hadd izjed ma jkollu kopja u li c-cwievet huwa dejjem jiddepozithom taht l-Awtorita tal-Qorti. Jekk ikun hemm xi hadd li jkollu bzonn ic-cwievet, inkluz il-pulizija, huwa kien ikun irid ikun prezenti. Dan sabiex jiftah u jaghlaq hu. Fil-fatt stqarr li l-inkariku tieghu kien li "*l-post ma jinfetahx jekk ma nkunx prezenti jien* (fol. 94). Mistoqsi jekk dakinhar ta` l-access ta` Ottubru elfejn u tmienja (2008) kienx hemm prezenti wkoll mart il-vittma, l-Perit Aquilina qal li ma jiftakarx u li aktarx li ma kienitx hemm u dan peress li "*kien ghad hemm id-dmijja minkejja li dan kien nixef*" (fol. 94).

Ikkunsidra;

10. Mill-atti tat-talba, jirrizulta s-segwenti:

i. Martin Scicluna gie maqtul fis-16 ta' Settembru 2008 fil-fond bin-numru 4, maghruf bl-isem ta' Great Shop, fi Triq Guze Galea, Hal-Qormi.

ii. Dak-in-nhar ta' l-incident kienet saret Inkjesta Magisterjali u ttiehed il-pussess tal-fond de quo billi ttiehdu c-cwievet u gie ssiggillat.

iii. Fit-3 ta' Lulju, 2009 inghata digriet fl-atti tal-kumpilazzjoni Il-Pulizija vs Spiridione Mercieca li permezz

tieghu r-Registratur tal-Qrati inghata l-awtorizzazzjoni sabiex jirrilaxxa c-cwievet tal-fond de quo.

iv. Fis-17 ta' Lulju, 2009 Mary Jacqueline Scicluna hadet il-pussess ta' l-imsemmija ċwievet minghand ir-Registratur.

v. Xi granet wara, l-imsemmija Mary Jacqueline Scicluna, flimkien ma Clyde Kelly marru fil-fond imsemmi u hemm sabu l-*air conditioners* mixghula.

vi. Skond ma xehed l-intimat Joseph Sacco, fil-kwalita tieghu ta' Direttur tad-Dipartiment tal-Qrati Kriminali u Tribunali Kriminali, mill-atti tal-kumpilazzjoni Il-Pulizija vs Spiridione Mercieca, rrizulta li addett tas-socjeta rikorrenti, Norbert Pace kien mar ghax-xoghol dak-in-nhar tad-delitt u xeghel l-*air conditioners* ta' l-ufficini. Ghalhekk, jkompli jghid, dawn l-*air conditioners* kienu diġà mixghula meta mar il-Magistrat Inkwerenti.

vii. Fil-fond de quo saru tlett aċċessi. Tnejn fil-gurnata li fih sehh id-delitt u cioe s-16 ta' Settembru, 2008 (wiehed f'12:00p.m. u iehor fl-4:30p.m.) u allura dawn l-accessi saru waqt li kienet ghaddejja l-Inkjesta mill-Magistrat Inkwerenti, il-Magistrat, illum Onorevoli Mhallef Dottor Michael Mallia. It-tielet u l-ahhar aċċess sar fid-9 ta' Ottubru, 2008 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja, preseduta mill-Magistrat Dottor Miriam Hayman. Fiz-zewg każijiet kien hemm diversi esperti mahturin. Fiz-zewg każijiet kien hemm il-Perit Richard Aquilina li fit-tlett aċċessi ha hsieb li jiġbor ic-cwievet tal-fond u jaghlaq l-istess. Sussegwentement, il-Perit Aquilina ddeposita dawn ic-cwievet taht l-Awtorita tal-Qorti.

viii. Il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Struttorja fid-9 ta' Ottubru, 2008 kienet ordnat lill-Perit Richard Aquilina sabiex jiġbor u jissiġilla u jaghmel inventarju tad-dokumenti kollha misjuba fil-fond numru 4, Triq Guze Galea, Hal-Qormi.

ix. Skond ma xehed l-Ispettur Malcolm Bondin, biex xi hadd jidhol fil-fond de quo ried ikun hemm il-Perit Richard

Aquilina, espert nominat mill-Qorti (kemm mill-Magistrat Inkwerenti, kif ukoll mill-Qorti tal-Magistrati). Dan huwa kkorraborat mill-Perit Richard Aquilina nnifsu meta jghid li jekk ikun hemm xi hadd li jkollu bzonn ic-cwievet, inkluz il-pulizija, huwa kien ikun irid ikun prezenti. Dan sabiex jiftah u jaghlaq hu. Fil-fatt stqarr li l-inkariku tieghu kien li "*l-post ma jinfetahx jekk ma nkunx prezenti jien* (fol. 94).

x. B'referenza ghall-ewwel aċċess, l-Ispettur Bondin xehed li jiftakar lil Perit Aquilina jghidlu biex jitfi l-*main*, u li huwa kien anke ha hsieb li t-twieqi jinghalqu. L-Ispettur qal li "*kien il-Perit Aquilina stess illi tefa l-main switch*" (fol. 83) u dan sar fil-prezenza tieghu.

xi. Fit-tieni aċċess, l-Ispettur Bondin kien ftakar li kien inxteghel l-*air conditioner* u dan peress li kif telghu fl-ufficini fejn sehh id-delitt, kien hemm foga kbira peress li ma kienx hemm cirkolazzjoni tal-arja. Meta gie mistoqsi jekk dan il-main switch intefhiex jew le huma u hergin il-barra mill-fond wara li kien intemm it-tieni aċċess, l-Ispettur Bondin qal li "*jekk mhux sejjer zball ahna u hergin il-barra dan is-switch rega ntefa*" (fol. 84). In kontro-ezami jghid li kellhu "*l-impressjoni li kien intefa*". Il-Perit Aquilina qal li "*sa fejn niftakar jiena ntefa kullimkien*" u li huwa "*bhala prassi dejjem nara li d-dawl ikun mitfi anki jekk ma jkunx parti mid-dover tieghi*" (fol. 93-94). Qal ukoll li "*f`dan il-kas hekk ghamilt*" (fol. 94). Zied ighid li "*jiena ma jkolli l-ebda nkarigu biex nara li d-dawl ikun intefa pero` naqbel pero' li jiena nkun responsabbli minn dak il-post galadarba jiena jkolli c-cwievet inkun responsabbli ghal eghluq tieghu*" (fol. 94).

xii. Skond ma xehed s-Sur Joseph Sacco, mid-9 ta' Ottubru, 2008 sa meta r-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti rtirat ic-cwievet mill-Qorti, ma jirrizulta l-ebda verbali ta' aċċess iehor fil-fond in kwistjoni

xiii. Skond id-dokument immarkat bhala D1 (fol. 27), jirrizulta li l-ammont dovut huwa dak reklamat fit-talba odjerna u cioe l-ammont ta' €1,000.

Ikkunsidra ulterjorment;

11. Nibdew billi nikkunsidraw l-eccezzjonijiet mqanqla mill-intimati u kjamati in kawża.

12. Illi b'referenza ghall-eccezzjonijiet mressqa mid-Direttur Qrati Civili u Tribunali, t-Tribunal jaghmel referenza ghall-verbal datat 13 ta' Gunju, 2011 fejn Dottor Roberto Montalto ghas-socjeta rikorrenti talab li ssir korrezzjoni fl-okkju tal-avviz b'dan illi l-intimat ghandu jaqra Direttur, Qrati u Tribunali Kriminali. Id-difensur ta' l-imsemmi intimat, Dottor Noel Bartolo ma opponiex ghal tali talba iżda nsista li jippreżenta risposta ulterjuri in vista tal-korrezzjoni mitluba. It-Tribunal permezz ta' digriet datat 22 ta' Novembru, 2011 laqgha t-talba u ordna li ssir d-debita korrezzjoni fl-okkju ta' l-avviz u kull fejn jidhru l-kliem Direttur Qrati Civili u Tribunali b'dan illi dawn il-kliem kellhom jiġu sostitwiti bil-kliem Direttur Qrati u Tribunali Kriminali. Fit-22 ta' Gunju, 2011 gew ippreżentati l-istess identika risposta ghad-Direttur Qrati Kriminali u Tribunali bhal ma kienet ġiet ippreżentata mid-Direttur Qrati Civili u Tribunali. Illi ghalkemm jirrizulta li s-socjeta rikorrenti harrket bi żball lid-Direttur Qrati Civili u Tribunali l-ghaliex hija kellha effettivament tharrek lid-Direttur Qrati Kriminali u Tribunali, xorta wahda ma kellhiex ghalfejn tiġi ntavolata l-istess risposta bid-denominazzjoni tad-Direttur differenti. Dawn huma spejjes ghal xejn u inutili. Ghalhekk, ghal fini ta' din is-sentenza, it-Tribunal sejjer jiehu biss konjizzjoni tar-risposta tad-Direttur Qrati Kriminali u Tribunali l-ghaliex effettivament id-Direttur Qrati Civili u Tribunali gie mahrug il-barra mill-kawza ghalkemm formalment ma kienx hemm qatt cessjoni tal-kawza fil-konfront tieghu.

13. L-ewwel eċċezzjoni li ghandha tiġi mistharrga hija dik li l-intimati kollha jistqarru li ma humiex il-legittimi kontradditturi f'dawn il-proceduri. Filwaqt li d-Direttur Qrati Kriminali u Tribunali jghid biss li huwa ma huwiex il-legittimu kontradittur, l-kjamati fil-kawza jispjegaw li huma ma humiex il-legittimi kontradditturi l-ghaliex "*ghalkemm ghandhom rwol x'jinterpretaw f'inkjesta Magisterjali, l-istess inkjesta ma taqax taht ir-responsabbilita taghhom, u ghalhekk ma jistghux jiġu kkundannati sabiex ihallsu l-*

*ammont pretiz mis-socjeta attriċi, kif ser jiġi ppruvat tul dawn il-proceduri*".

14. Kif diġà rajna, fis-16 ta' Settembru, 2008 gie maqtul Martin Scicluna ġewwa l-fond bin-numru 4, maghruf bl-isem ta' Great Shop, fi Triq Guze Galea, Hal-Qormi. Dak-in-nhar saret inkjesta Magisterjali u fiha kienu gew nominati diversi esperti fosthom il-Perit Richard Aquilina. Dak-in-nhar ukoll, u dan skond ma xehed il-Perit Aquilina, saru żewġ aċċessi. Wiehed f'12:00p.m. u iehor fl-4:30p.m. Fid-9 ta' Ottubru, 2008 sar aċċess iehor, din id-darba ordnat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Mill-provi allura jirrizulta li saru tlett (3) aċċessi. Tnejn saru waqt l-inkjesta u wiehed li sar waqt l-andament tal-proceduri li hemm pendenti kontra Spiridione Mercieca quddiem il-Qorti tal-Magistrati.

15. It-Tribunal, f'dan l-istadju jaghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Jason Calleja**[1] deciza fit-3 ta' Lulju, 1997 fejn, fost diversi affarijiet ohra gew deskritti l-ufficju tal-Magistrat Inkwerenti u l-ufficju tal-Magistrat li jaġixxi bhala Qorti Istruttorja u Magistrat li jaġixxi bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. L-ewwel uffiċju u cioe dak tal-Magistrat Inkwerenti huwa ferm differenti mill-ahhar żewġ funzjonijiet u filwaqt li f'dawn ta' l-ahhar il-Magistrat ikun qieghed jaqdi d-doveri tieghu bhala Qorti, fl-ewwel kaz huwa jkun biss bhala Magistrat ut sic u xejn iktar. Certament huwa persuna intiza mill-ligi stess bhala ta' importanza fundamentali fil-process tar-ricerka ghall-verita', izda il-Magistrat Inkwirent m'ghandux il-funzjoni li jistabbilixxi l-htija jew l-innocenza ta' xi persuna, indizjata jew m'hijiex. Il-funzjonijiet tal-Magistrat Inkwerenti huma ukoll differenti minn dik ta' Magistrat fil-Qorti Istruttorja u dan anke kif jindikaw diversi artikoli fil-Kodici Penali taghna fosthom l-artikolu 594 (4). Ghal studju verament interessanti u uniku fuq il-funzjoni tal-Magistrat Inkwerenti u r-rwol li huma ghandhom u d-doveri u obbligi taghhom meta jiġu biex jirredigu l-proces verbal taghhom, t-Tribunal

[1] Att ta' l-Akkuza Nru. 14/1993

jirrakkomanda li tinqara u tiġi studjata din is-sentenza minnu citata.

16. Ghalhekk trid issir distinzjoni bejn:

i) Il-Magistrat fil-funzjoni tieghu bhala Qorti Istruttorja jew Gudikatura Kriminali u tal-esperti nominati minnu f'dik il-funzjoni; u

ii) Il-Magistrat bhala Magistrat Inkwerenti u l-esperti nominati minnu fl-Inkjesta.

17. Mill-fatti tal-kaz jirrizulta li fl-ewwel żewġ aċċessi, cioe dak-in-nhar li sehh id-delitt, il-provvista tad-dawl intfiet. Dan jirrizulta car mix-xhieda ta' l-Ispettur Bondin meta jghid li "*dwar l-ewwel darba mija fil-mija li kien ntefa l-main switch*" (fol. 84). Anke l-fatti kif esposti mill-imsemmi Spettur Bondin u mill-espert nominat mill-Qorti l-Perit Richard Aquilina ghar-rigward ta' dak li sar meta gew biex jaghmlu t-tielet aċċess (dak tad-9 ta' Ottubru, 2008) jaghti konfort ghal dan. Insibu li l-istess Spettur tal-Pulizija Bondin ighid li meta sar dan l-aċċess, kien inxteghel l-*air conditioner* u dan peress li kif telghu fl-ufficini fejn sehh id-delitt, kien hemm foga kbira peress li ma kienx hemm cirkolazzjoni tal-arja.

18. Ghalhekk f'dan il-kaz, ma ahniex nitkellmu dwar il-Magistrat Inkwerenti jew l-ordnijiet li huwa jkun ta (nomina ta' esperti) fl-istadju ta' l-Inkjesta. Jekk hemm xi responsabbilita, u dan ghad irid jiġi deċiż iktar il-quddiem f'din is-sentenza, din bilfors tkun trid sehhet waqt it-tieni stadju u cioe waqt li kienu ghaddejjin il-proceduri kriminali kontra Spiridione Mercieca. Ghalhekk fil-fehma tat-Tribunal kemm il-Kummissarju tal-Pulizija u kemm l-Avukat Generali tharrku inutilment l-ghaliex huma ma kellhom u ma ghandhom x'jaqsmu xejn f'dan l-istadju hawn appena msemmi. Ghalhekk it-Tribunal qieghed jehlishom mill-harsien tal-gudizzju spejjez ghall-intimat Direttur tal-Qrati Kriminali u Tribunali.

19. Id-Direttur intimat fit-tieni eċċezzjoni tieghu jghid li "*t-talba attriċi hija preskritta u ghal dan il-ghan is-socjeta*

*attriċi qed tiġi mistiedna tindika bl-ezatt taht liema artikolu tal-Ligi qeda tittenta l-azzjoni taghha sabiex l-eccipjenti ikun umbaghad f'qaghda li jindika l-artikolu preċiż tal-preskrizzjoni*". Din l-istedina s-socjeta rikorrenti baqghet qatt ma aċċettata u lanqas ma d-Direttur insista fuqha. Illi kif inhu risaput, l-artikolu 2111 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula li "*Il-qorti ma tistax ex officio tagħti effett għall-preskrizzjoni, jekk din ma tigix eċċepita mill-parti interessata*". L-istess haga ghar-rigward tat-Tribunal. It-Tribunal ma ghandux ifittex biex jara kienx applikabbli ghal kaz xi preskrizzjoni partikolari li ma tkunx giet indikata b'mod car u esplicitu minn min jinvokaha[2]. Fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Stellini et vs Carmel Stellini et** deċiża mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-31 ta' Mejju, 2013 inghad li:

*"Dan ".. jfisser li l-Qorti ma tistax tissupplixxi ex officio ghan-nuqqas tal-parti (Vol. XXXVII P II p 630[3]; Vol.XLI P I p 178 [recte:168][4]) u ma ghandhiex ghalhekk tfittex biex tara hijiex applikabbli ghall-kaz xi preskrizzjoni partikolari li ma tkunx indikata b'mod car u esplicitu minn min jinvokaha (Vol. XXXIII P I p 481; "Joseph Grech -vs- Emmanuele Camilleri et", Appell Kummercjali, 21 ta' Marzu 1977)"[5]; gie wkoll ritenut li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni trid issir permezz ta' eccezzjoni formali u mhux mod iehor[6]. Inoltre, peress li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hija ta' natura perentorja, din tista' tigi sollevata fi kwalunkwe stadju tal-kawza, anke fl-istadju ta' appell[7]".*

Ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija din l-eccezzjoni qeghda tiġi michuda.

---

[2] **Vol XXXIII p1 p481**; **Francis Bugeja nomine vs Indri Mecieca**, App Civ 29.05.2000;
[3] **Paolo Busuttil vs Rosina Abela et** deċiża mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Jannar, 1953 per Imhallef A. Magri;
[4] **Grazia Borg vs Rosa Farrugia noe et** deċiża mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-15 ta' Marzu, 1957. Ir-referenza tan-numri "178" hija ghal paġna fejn hemm din il-kwotazzjoni fis-sentenza hawn appena citata.
[5] Kwotata fis-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Donald Manche' noe vs Joseph Said** nhar it-28 ta' Mejju 2003
[6] Ara **Gayle Scerri vs Eric Borg** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Inferjuri fl-20 ta' Ottubru 2003.
[7] Artikolu 732(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta

20. Ghar-rigward tat-tielet eċċezzjoni u cioe li d-Direttur intimat ma ghandu assolutament ebda ness la ġuridiku u lanqas fattwali mas-socjeta attriċi u kwindi t-talba attriċi fil-konfront tieghu hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, diġà rajna li c-cwievet tal-fond, wara li kien infetah u sar aċċess fih b'ordni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja kienu taht l-Awtorita tal-Qorti u hemm regghu tqeghdu wara li inghalaq. L-access sar mill-Qorti fil-presenza, fost nies ohra, ta' l-esperti nominati minnha u allura r-responsabbilita tal-fond, la fih ma seta jidhol hadd minghajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti kienet tad-Direttur intimat u hadd iżjed. Ghalhekk anke din l-eccezzjoni qeghda tiġi michuda.

21. Ir-raba eċċezzjoni tad-Direttur intimat tghid li "*kif inhuwa risaput it-tmexxija ta' inkjesta hija mhollija mill-Ligi f'idejn il-Magistrat Inkwirenti li a sua volta jista jahtar esperti biex jghinuh fl-inkjesta. Zgur li Magistrat Inkwerenti ma jista qatt jiġi tenut iwieġeb ghal dak li qed titlob is-socjeta attriċi fil-kawza odjerna u per konsegwenza lanqas l-eccipjenti*". Diga rajna li l-ordni biex isir aċċess (ghat-tielet darba) inghata mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja fl-atti tal-Kumpilazzjoni "Il-Pulizija vs Spiridione Mercieca" u li fl-ewwel żewġ aċċessi, mix-xhieda prodotta jirrizulta li l-*mains* tad-dawl intfew. Jirrizulta ukoll bic-car li l-*air conditioners* kienu inxteghlu fit-tielet aċċess (dak tad-9 ta' Ottubru, 2008) iżda hadd mill-persuni li kienu fuq il-post u li ddepponew f'dawn il-proceduri ma kienu ċerti li dawn l-istess *air conditioners* intfew wara li intemm dan it-tielet access. It-Tribunal ma jistax jaqbel ma din l-eccezzjoni mqanqla mid-Direttur intimat u kif diġà inghad fil-kunsiderazzjonijiet tieghu fl-ewwel eċċezzjoni tad-Direttur intimat, Magistrat, jew l-esperti nominati minnu ma ghandux/ghandhomx carte Blanche biex jaghmel/jaghmlu li jrid/jridu kif donnu jimplika l-intimat. Jekk jirrizulta li jkun hemm responsabbilita ghal xi akkadut, allura jkun id-Direttur intimat jew l-Avukat Generali, skond il-kaz u s-sitwazzjoni, li jkunu responsabbli. Din il-kwistjoni mhux l-ewwel darba li tqanqlet quddiem il-Qrati. Ta spiss naraw kif l-intimat odjern jew anke l-kjamati in kawża instabu responsabbli, skond il-kaz, talli per eżempju Qorti tkun kisret id-drittijiet

tal-bniedem, jew per eżempju xi ħaġa li tkun taħt il-kustodja ta' l-intimat ikun ġratilha l-ħsara. F'dan l-aħħar kaz, l-oggetti jkunu gew esebiti fl-atti ta' kawża jew inkjesta u allura jitqieghdu taht ir-responsabbilita ta' l-intimat. Jekk jiġri l-hsara u tirriżulta li dik il-hsara kienet attribwibbli ghad-Direttur, allura jkun hu li jinstab hati ghal dak in-nuqqas. Il-Qorti personalment qatt ma tista tiġi tenuta li thallas xi danni anke minhabba l-kwistjoni, fost affarijiet ohra, ta' l-indipendenza u l-imparzjalita tal-Gudikatura. Allahares naslu fl-estremita li Gudikant personalment ikun responsabbli ċivilment ghal xi nuqqas li jaghmlu l-esperti nominati minnu jew ghal xi nuqqas li jkun ghamel hu waqt il-funzjoni u qadi ta' dmirijietu. Imma xi hadd irid ikun responsabbli u f'dan il-kaz, ghandna lid-Direttur intimat l-ghaliex l-oggetti (f'dan il-kaz ic-cwievet) kienu jinsabu fil-kustodja tieghu. Ghalhekk anke din l-eccezzjoni qeghda tiġi michuda.

22. Il-hames eċċezzjoni ta' l-intimat hija fis-sens li mhux minnu li l-fond tas-socjeta attriċi kien fir-responsabbilita tal-konvenut. Diga rajna li c-cwievet tal-fond kienu fil-kustodja tad-Direttur intimat u li dawn gew depositati l-Qorti mill-esperti nominati. Allura huwa responsabbli ghal dak kollu li jiġri fir-rigward ta' dan il-fond. Ghalhekk din l-eccezzjoni ukoll qeghda tiġi michuda.

23. Is-sitt eċċezzjoni ta' l-intimat Direttur hija fis-sens li "*l-attrici hija tenuta tipprova mhux biss li materjalment soffriet dak li qed tallega li soffriet fil-fond taghha, iżda trid tipprova wkoll in-ness kawzali bejn dak minnha allegatament soffert u xi tort jew nuqqas tal-intimat u kif ser jirrizulta ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawza la wahda u lanqas l-ohra minn dawn l-elementi ma jeżistu fil-konfront tal-eccipjenti fil-kaz de quo*". Mill-fatti u provi kif riprodotti f'dawn il-proceduri jinghad li meta sar it-tielet aċċess fid-9 ta' Ottubru, 2008 kienu inxteghlu l-*air conditioners* tal-fond fejn kien sehh id-delitt. L-Ispettur Bondin filwaqt li qal li jiftakar li l-ewwel darba li kien sar l-access (waqt l-Inkjesta) dawn l-*air conditioners* kienu ntfeghu, ma jirriżultax a sodisfazzjon tat-Tribunal li x-xhieda li tressqu kienu konvinti li anke f'dan it-tielet aċċess l-imsemmija *air conditioners* kienu mitfija. Fil-fatt, u dan

ma ġiex kontradett minn hadd, tant li ma sar l-ebda kontro-ezami tax-xhieda mressqa mis-socjeta rikorrenti, meta Jacqueline Scicluna u Clyde Kelly dahlu fil-fond, wara li l-imsemmija Jacqueline Scicluna kienet inghatat il-pussess lura tac-cwievet permezz ta' digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja fit-3 ta' Lulju, 2009 huma sabu l-*air conditioners* mixghula. It-Tribunal ma ghandux ghax jiddubita mill-veracita tax-xhieda taghhom.

24. Jinghad li l-process tal-kontro-ezami huwa li, "*a party seeks: (a) to test the veracity and accuracy of evidence in chief, given by a witness called for another party; and (b) to elicit from that witness any relevant facts which may be favourable to the case for the cross-examiner. Cross-examination designed solely to discredit the witness and to destroy or reduce his credibility, is sometimes known as 'impeachment' and is perfectly permissible*[8]".

25. L-awtur **G. D. Nokes**[9] jghid li "*Cross-examination has the primary object of nullifying or modifying the evidence of the witness* […] *it is designed to test the accuracy of the witness's evidence* […] *cross-examination gives the witness an opportunity to deal with the case for the other party. The cross-examination must show what part of the witness's evidence is contested, and the opposite version of those facts must be stated to the witness for his comment or explanation*."

26. L-importanza li jsir kontro-ezami hu spjegat minn **Ian Dennis**[10] f'dawn it-termini: "*The cross-examiner may also wish to test and challenge the unfavourable testimony that the witness has given in chief, hoping to get the witness to modify or qualify it, or even to admit that it was a lie or a mistake*."

---

8 **Peter Murphy**, Murphy on Evidence, 7th ed., 2000; p. 509;

9 An Introduction to Evidence, 4th ed., Sweet & Maxwell, 1967; pp.407–408;

10 Law of Evidence, Sweet & Maxwell 4th ed., 2010; p.596;

27. Issa, abbinat ma dan, insibu ritenut li, "***Failure to cross-examine a witness*** *who has given relevant evidence for the other side* ***is held technically to amount to an acceptance of the witness's evidence in chief****. It is, therefore, not open to a party to impugn in a closing speech, or otherwise, the unchallenged evidence of a witness called by his opponent, or even to seek to explain to the tribunal of fact the reason for the failure to cross-examine* […] *Accordingly, it is counsel's duty, in every case: (a) to challenge every part of a witness's evidence which runs contrary to his own instructions; (b) to put to the witness, in terms, any allegation against him which must be made in the proper conduct of the case; and (c) to put to the witness counsel's own case, in so far as the witness is apparently able to assist with relevant matters, or would be so able, given the truth of counsel's case*[11]". L-istess hu l-hsieb ta' l-awtur imsemmi fil-paragrafu 15 ta' din is-sentenza, fejn jirrimarka illi, "*failure to cross-examine implies acceptance of the truth of the witness's testimony, as reiterated in R. v. Hart [(1932) 23 C.A.R. 202.]*[12].".

28. Huwa minnu li dawn ic-citazzjonijiet aktar il-fuq riportati jirrigwardaw id-dritt Anglo Sassonu, pero t-Tribunal jirrimarka li dawn huma applikabbli *mutatis mutandis* ghall-ordinament Malti. Ta' min ifakkar illi l-Kodici Procedurali taghna jsib il-fonti tieghu fid-dritt Ingliz. Il-*Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili* (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) kien modellat, fil-gran parti tieghu, fuq in-normi procedurali Anglo-Sassoni, normi illi gew imhaddna fl-ordinament taghna fi zmien meta Malta kienet tifforma parti mill-Imperu Brittaniku.

29. Fil-fatt fil-monografija "Storia della Legislazione in Malta", l-gurista eminenti Malti **Paolo De Bono** (Malta, 1897) ifisser li taht l-Imperu Ingliz, "*Varie altre leggi parziali, riguardanti l'organizzazione, il procedimento, le prove giudiziarie, furono pubblicate sino al 1850. Nel*

---

[11] **Peter Murphy**, *op. cit.*, p.511;

[12] **G. D. Nokes**, *op. cit.*, p.407;

*quale anno la commissione legislativa nominata il 7 agosto 1848 presentò il progetto del codice di leggi organiche e di procedura civile*." (p.320) u illi, "*Il diritto probatorio è in gran parte modellato sul sistema inglese, giá introdotto nell'isola sin dall'anno 1825. Ma i singoli provvedimenti sono alcune volte superiori a quelli delle leggi inglesi medesime*." (p.322) Importanti ferm illi l-imsemmi awtur, f'*footnote* ghal din l-ahhar kwotazzjoni, jghid, *inter alia*, hekk: "*Ma lo studio delle opera de' giuristi inglesi è in questo ramo indispensabile. Ai giovani raccomando specialmente la lettura del* BEST, *'The principles of the law of evidence' 8th edizione curata dal* LELY *(Londra 1893). È un'opera che tratta metodicamente la materia, esponendo i canoni fondamentali del diritto probatorio inglese, tracciandone le sorgenti, e mostrandone il nesso"*. (pp.322–323).

30. Bhala ezempju reċenti ta' dak hawn fuq spjegat, it-Tribunal jirreferi ghas-sentenza **Lawrence Sive Lorry Sant vs In-Nutar Guze' Abela**[13] fejn naraw li l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili ghamlet referenza ampja ghad-duttrina Ingliza ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-*law of evidence* relattivi ghax-xhieda. Fis-sentenza gie kwotat l-awtur **Peter Murphy** (ara *supra*), l-opra "*Modern Law of Evidence*" (2nd edition) ta' **Adrian Keane** u l-opra ntitolata "*Cross on Evidence*" (2nd Australian edition). Aktar qrib zminijietna, l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili, fil-kawza fl-ismijiet **Michael Agius vs. Rita Caruana**[14] ghamlet referenza ampja ghar-regoli ta' evidenza Inglizi f'dak li jirrelata ma produzzjoni ta' evidenza dokumentarja u l-valur probatorju taghha.

31. Dan juri li referenza ghandha ssir lejn il-principji regolaturi Inglizi fuq it-tematika tad-dritt procedurali relattivi ghall-provi u x-xhieda fil-qasam civili.

---

[13] Deciza fis-27 ta' April, 1993 il-Prim'Awla tal-Qorti Civili per S.T.O. J. Said Pullicino;

[14] Ara digriet kamerali moghti fl-10 ta' Marzu, 2011 mill-Onorevoli Mhallef J. R. Micallef;

32. Biex nghalqu fuq din it-tematika tal-kontro-ezami, jinghad li *di natura* l-kontro-ezami "*is beyond any doubt the greatest legal engine ever invented for the discovery of truth*[15]".

33. Illi ghalhekk it-Tribunal huwa konvint li effettivament meta Jacqueline Scicluna marret fil-fond fejn gie maqtul żewġha, flimkien ma' l-*accounatnt* tal-kumpanija rikorrenti, xi ftit jiem wara li hija kienet hadet il-pussess effettiv tac-cwievet tal-fond ġewwa Hal-Qormi, hija effettivament sabet li l-*air conditioners* kienu thallew mixghula wara li kien sehh it-tielet aċċess fid-9 ta' Ottubru, 2008. Ta' dan in-nuqqas huwa responsabbli l-intimat Direttur Qrati Kriminali u Tribunali.

34. Illi l-istess haġa jinghad ghar-rigward tat-talba rikorrenti. Hadd mill-partijiet ma kkontesta dak li qalet l-imsemmija Jacqueline Scicluna u cioe li hija sabet ruhha rinfaccjata b'kont ta' elf euro (€1,000) mahrug mill-ARMS Limited u dan talli kien hemm konsum ta' eletrikku fil-fond fejn gie maqtul żewġha. Dan l-ammont ma ġiex ikkontestat mill-intimati u allura dak li xehdet dwaru l-imsemmija Jacqueline Scicluna, kif ukoll id-dokumenti minnha esebiti qeghdin jittiehdu bhala li ghandhom mis-sewwa. Konsegwentement it-Tribunal sejjer jilqa t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna lill-intimat Direttur Qrati Kriminali u Tribunali sabiex ihallas dan l-ammont lis-socjeta rikorrenti.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt ma jiehux konjizzjoni tar-risposta tad-Direttur Qrati Civili u Tribunali in vista ta' dak li inghad aktar il-fuq f'din is-sentenza, qieghed jillibera lill-kjamati in kawża Kummissarju tal-Pulizija u Avukat Generali mill-harsien tal-gudizzju, qieghed jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mqanqla mill-intimat Direttur Qrati Kriminali u Tribunali, qieghed jichad il-kumplament ta' l-eccezzjonijiet imqanqla minnu u jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti fl-ammont mitlub ta' elf euro [€1,000] u konsegwentement jikkundanna lill-

[15] **Larry S. Pozner** u **Roger J. Dodd**, "Cross-Examination: Science & Techniques", 2nd ed., 2004; §1.02, p. 1–3

istess intimat Direttur Qrati Kriminali u Tribunali jhallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' elf euro [€1,000] bl-imghaxijiet fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mid-data ta' meta ġiet intavolata t-talba odjerna.

L-ispejjez, ghandhom ikunu kollha ghal intimat Direttur Qrati Kriminali u Tribunali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------